Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2024/2125(INI)

24.03.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2025
(2024/2125(INI))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteur: Marko Vešligaj

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 11

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 15

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2025
(2024/2125(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 8, 10, 19, 79, 83, 153 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni pproklamaw u ffirmaw fis-17 ta' Novembru 2017, u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021)0102),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tat-18 ta' Diċembru 1979,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tan-NU tal-15 ta' Settembru 1995 u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħha,

– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-21 ta' Ottubru 2015 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) stabbiliti fiha, b'mod partikolari l-SDG 5, "Jinkisbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet kollha", u l-objettivi u l-indikaturi relatati magħha,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tad-29 ta' Ġunju 1951, u l-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tal-21 ta' Ġunju 2019,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal- Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) tal-11 ta' Mejju 2011,

– wara li kkunsidra d-direttivi tal-KEE u tal-UE adottati mill-1975 'il quddiem dwar aspetti varji tat-trattament ugwali għan-nisa u l-irġiel (id-Direttiva 79/7/KEE[1], id-Direttiva 86/613/KEE[2], id-Direttiva 92/85/KEE[3], id-Direttiva 2004/113/KE[4], id-Direttiva 2006/54/KE[5], id-Direttiva 2010/41/UE[6]),

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, ĠU L 6, 10.1.1979, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1979/7/oj.
[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE tal-11 ta' Diċembru 1986 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività, inkluża l-agrikoltura, b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom, u dwar il-protezzjoni ta' nisa li jaħdmu għal rashom waqt it-tqala u waqt li qegħdin irabbu t-tfal, ĠU L 359,

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE[7],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/2381 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpaniji elenkati u miżuri relatati[8],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2023/970 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar[9],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1385 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika[10],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1500 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li temenda d-Direttivi 2006/54/KE u 2010/41/UE[11],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/1712 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu[12],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2020-2025 (COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (GAP) III – aġenda ambizzjuża għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE" (JOIN(2020)0017) u d-dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal li jakkumpanjaha bit-

---

19.12.1986, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1986/613/oj.

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu, ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1992/85/oj.

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi, ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2004/113/oj.

[5] Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/54/oj.

[6] Id-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom, ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/41/oj.

[7] ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1158/oj.

[8] ĠU L 315, 7.12.2022, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2381/oj.

[9] ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/970/oj.

[10] ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj.

[11] ĠU L, 2024/1500, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1500/oj.

[12] ĠU L, 2024/1712, 24.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1712/oj.

titolu “Objettivi u indikaturi biex tiġi inkwadrata l-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-Ġeneru III (2021-25)” (SWD(2020)0284),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Marzu 2025 bit-titolu “Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa” (COM(2020)0097),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta’ Frar 2019 dwar ir-rigressjoni attwali tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE[13],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta’ Novembru 2019 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta’ Istanbul u l-miżuri l-oħra biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru[14],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta’ Jannar 2020 dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri[15],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta’ Ottubru 2020 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-politika estera u ta’ sigurtà komuni tal-UE[16],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta’ Jannar 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri[17],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta’ Jannar 2021 dwar tnaqqis tad-disparità bejn il-ġeneri fil-qasam diġitali: il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija diġitali[18],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta’ Frar 2021 dwar l-isfidi għad-drittijiet tan-nisa fl-Ewropa fil-futur: aktar minn 25 sena wara d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta’ Azzjoni ta’ Beijing[19],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Ġunju 2021 dwar it-tħeġġiġ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni u l-karrieri fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM)[20],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-UE, fil-kuntest tas-saħħa tan-nisa[21],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta’ Settembru 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta’ kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE[22],

---

[13] ĠU C 449, 23.12.2020, p. 102.
[14] ĠU C 232, 16.6.2021, p. 48.
[15] ĠU C 331, 17.8.2021, p. 5.
[16] ĠU C 404, 6.10.2021, p. 202.
[17] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 208.
[18] ĠU C 456, 10.11.2021, p. 232.
[19] ĠU C 465, 17.11.2021, p. 160.
[20] ĠU C 67, 8.2.2022, p. 137.
[21] ĠU C 81, 18.2.2022, p. 43.
[22] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 88.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Diċembru 2021 b’rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru: il-vjolenza ċibernetika[23],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Diċembru 2021 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea fl-2018-2020[24],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Marzu 2022 dwar il-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III[25],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta’ Mejju 2022 dwar il-ksib tal-indipendenza ekonomika tan-nisa permezz tal-intraprenditorija u tal-impjieg indipendenti[26],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta’ Lulju 2022 lejn azzjoni Ewropea komuni dwar il-kura[27],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta’ Lulju 2022 dwar il-faqar fost in-nisa fl-Ewropa[28],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta’ Ġunju 2023 dwar il-fastidju sesswali fl-UE u l-evalwazzjoni MeToo[29],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta’ April 2024 dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[30],

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-19 ta’ Diċembru 2024 lill-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għad-69 sessjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa[31],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-25 ta’ Novembru 2024 tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), l-Eurostat u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) bit-titolu “EU gender-based violence survey: key results” (Stħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru: riżultati ewlenin),

– wara li kkunsidra l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2024, ippubblikat mill-EIGE fl-10 ta’ Diċembru 2024,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal- Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

---

[23] ĠU C 251, 30.6.2022, p. 2.
[24] ĠU C 251, 30.6.2022, p. 23.
[25] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 150.
[26] ĠU C 465, 6.12.2022, p. 54.
[27] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 30.
[28] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 2.
[29] ĠU C, C/2023/1224, 21.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1224/oj.
[30] ĠU C, C/2025/1279, 13.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1279/oj.
[31] Testi adottati, P10_TA(2024)0075.

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A10-0000/2025),

A. billi d-dritt għal trattament ugwali huwa dritt fundamentali rikonoxxut fit-Trattati[32] u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u huwa essenzjali għall-iżvilupp ulterjuri tiegħu;

B. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur ċentrali tal-UE, dritt fundamentali u prinċipju ewlieni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u kundizzjoni essenzjali għall-progress;

C. billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru għadha fenomenu mifrux globalment, inkluż fl-UE, u għandha konsegwenzi serji għall-vittmi u għas-soċjetà;

D. billi kulħadd fl-UE għandu d-dritt li jkollu aċċess għall-ogħla standards ta' saħħa fiżika u mentali;

E. billi d-disparitajiet fis-suq tax-xogħol u n-nuqqas ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' sikurezza għall-ħaddiema nisa għadhom persistenti madwar l-UE, u d-differenza eżistenti fil-pagi bejn il-ġeneri hija, fil-biċċa l-kbira, il-konsegwenza tas-sottovalutazzjoni sistematika tax-xogħol imwettaq f'setturi ddominati min-nisa; billi, għalhekk, il-kwistjoni ta' "paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali" jeħtieġ li tiġi indirizzata biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri;

F. billi t-teknoloġiji diġitali emerġenti huma fattur ta' riskju għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jistgħu jipperpetwaw u japprofondixxu x-xejriet eżistenti tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet;

G. billi madwar l-UE, ir-responsabbiltajiet ta' indukrar jitwettqu b'mod sproporzjonat min-nisa, u dan jikkontribwixxi għall-inugwaljanzi;

H. billi r-riċerka turi li n-nisa mhumiex rappreżentati biżżejjed fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi u politiċi madwar id-dinja, u li l-kisba tal-parità bejn il-ġeneri fil-ħajja politika hija prospett imbiegħed;

I. billi ħafna nisa u gruppi vulnerabbli, inklużi persuni b'diżabbiltà, persuni minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati, persuni razzjalizzati, persuni minn sfondi etniċi, ta' minoranza jew ta' migrazzjoni, persuni akbar fl-età u persuni LGBTIQ+, jiffaċċjaw inugwaljanzi u diskriminazzjoni intersezzjonali fl-UE;

J. billi l-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-UE li tissalvagwardja u tavvanza l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, filwaqt li jiddeskrivi l-prinċipji u l-viżjoni fit-tul għall-progress li fuqhom se sserraħ l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2025;

1. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030 ambizzjuża, b'miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi konkreti u tanġibbli fl-oqsma ewlenin deskritti hawn taħt;

[32] L-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3) tat-TUE, l-Artikoli 8, 10, 19 u 157 tat-TFUE u l-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Vjolenza abbażi tal-ġeneru

2. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE biex jiġu miġġielda b'mod effettiv il-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, li tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali fl-UE fost l-aktar frekwenti;

3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrikonoxxi l-femminiċidju bħala reat kriminali distint;

4. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tħeġġeġ traspożizzjoni rapida tad-Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, u tippreżenta r-rakkomandazzjoni tagħha dwar il-prevenzjoni ta' prattiki dannużi fuq in-nisa u l-bniet;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq leġiżlazzjoni tal-UE biex tikkriminalizza l-istupru abbażi tan-nuqqas ta' kunsens; itenni li l-istupru mhuwiex biss ksur tad-drittijiet fundamentali u tal-awtonomija fiżika tan-nisa, iżda wkoll forma ta' sfruttament sesswali tan-nisa u l-bniet;

Kura tas-saħħa komprensiva reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura aċċess universali għal kura tas-saħħa reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru għan-nisa u l-bniet;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza, fil-livell tal-UE, l-ostakli għall-aċċess għall-kura tas-saħħa għan-nisa fid-diversità kollha tagħhom;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura aċċess sħiħ u ugwali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż id-dritt għal abort sikur u legali, għan-nisa u l-bniet fid-diversità kollha tagħhom;

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol

9. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tħeġġeġ traspożizzjoni rapida tad-direttivi dwar pagi minimi adegwati[33], trasparenza fil-pagi[34] u nisa fuq il-bordijiet[35];

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida li jippermettu definizzjoni u tqabbil fl-UE kollha tal-"valur tax-xogħol", u tistabbilixxi malajr għodod u kriterji ta' evalwazzjoni tax-xogħol newtrali għall-ġeneru bil-għan li jiġi evalwat aħjar u remunerat b'mod aktar ġust ix-xogħol imwettaq f'setturi ddominati min-nisa;

Id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-isfera diġitali

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura aċċess inklużiv fir-rigward tal-ġeneru għal-livelli kollha tal-edukazzjoni u tiżviluppa standards ta' kwalità għolja għall-materjal edukattiv

[33] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2041/oj).
[34] Id-Direttiva (UE) 2023/970.
[35] Id-Direttiva (UE) 2022/2381.

li jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiżmantellaw l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, inkluża l-promozzjoni ta' edukazzjoni sesswali komprensiva u tal-kunsens;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u tadotta politika ta' tolleranza żero fl-ambjent diġitali fir-rigward tal-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, imġiba dannuża u narrattivi li jimminaw u jiskreditaw l-espressjoni online u offline tan-nisa u l-bniet, u tagħti prijorità lill-miżuri ta' prevenzjoni u lis-salvagwardji fl-oqsma kollha tal-politika diġitali;

Ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja privata u dik professjonali

13. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-Istrateġija Ewropea għall-Kura f'Patt Ewropew għall-Kura li jkun komprensiv, mgħammar b'għodod leġiżlattivi u finanzjarji vinkolanti għall-investiment f'servizzi ta' indukrar tat-tfal u ta' kura fit-tul aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja;

14. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jsiru sforzi biex jinkiseb mudell ta' ugwaljanza fir-rigward tal-pagi u l-għoti ta' kura fl-UE, u li jiġu riveduti u aġġustati l-objettivi ta' Barċellona f'dan ir-rigward, kif ukoll li jiġu żviluppati aktar il-miżuri dwar il-liv tal-maternità u tal-paternità bil-għan li jinkiseb bilanċ aktar ugwali bejn il-ġeneri fir-rigward tar-responsabbiltajiet ta' kura;

Rappreżentanza ugwali u parteċipazzjoni politika

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinforza bil-liġi kwoti tal-ġeneru u listi alternanti għall-elezzjonijiet kollha abbażi tal-parità bejn il-ġeneri, u tiżgura parità istituzzjonali bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

Politika barranija femminista

16. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi politika barranija, tas-sigurtà, tal-kummerċ u tal-iżvilupp li tagħti prijorità lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri skont il-prinċipju tat-tliet "R"jiet (rights, representation, resources – drittijiet, rappreżentanza u riżorsi);

Il-ġlieda fil-konfront tal-movimenti kontra l-ġeneru

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa għodda komprensiva biex timmonitorja u tiġġieled ir-rigress demokratiku u r-rigress fid-drittijiet tan-nisa, li huma intrinsikament marbuta, u tiżgura li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tibqa' prijorità madwar l-UE;

Mezzi trażversali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

18. Itenni li l-isforzi kollha biex jinkiseb progress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri jridu jsiru b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-intersezzjonalità u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura u tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-istrutturi, il-metodi u l-għodod tagħha, u tiżgura li l-

perspettiva tal-ġeneri tiġi integrata fil-proposti kollha tal-Kummissjoni, inklużi l-proċeduri baġitarji kollha;

20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża u tkompli tiżviluppa l-intersezzjonalità bħala prinċipju trażversali fl-Istrateġija l-ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri;

°

° °

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija wieħed mill-**valuri ċentrali** tal-Unjoni Ewropea u, flimkien mad-drittijiet tan-nisa, hija parti indispensabbli u indiviżibbli tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn jippreżentaw bażi u skop tal-istat tad-dritt fil-livelli nazzjonali, Ewropej u internazzjonali, kif ukoll l-aktar indikaturi adegwati u rilevanti tas-saħħa u r-reżiljenza tad-demokraziji tagħna.

Fil-kuntest ġeopolitiku attwali u l-proċessi globali, issa huwa aktar importanti minn qatt qabel li titressaq **aġenda ambizzjuża għad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri** u għalhekk dan ir-rapport wasal f'mument kruċjali għall-Unjoni Ewropea. L-Istrateġija Ewropea l-ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għal wara l-2025 trid tirrispetta l-istandards stabbiliti fis-snin preċedenti u timxi 'l quddiem bi sforz komprensiv lejn il-kisba tal-**ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha u fl-oqsma kollha, għall-persuni kollha mingħajr diskriminazzjoni.** Barra minn hekk, l-Istrateġija l-ġdida trid tieħu **azzjoni deċiżiva dwar l-implimentazzjoni** tal-leġiżlazzjoni adottata qabel.

L-Istrateġija l-ġdida se tiġi fi żmien meta l-movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-demokrazija qed jiżdiedu u bħala tali, it-test, li se jitressaq mill-Kummissjoni, irid **jirrifletti dedikazzjoni istituzzjonali ċara u impenji konkreti għall-protezzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-qafas għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u b'hekk tiġi ssalvagwardjata d-demokrazija tagħna.** Ma hemm l-ebda demokrazija mingħajr parteċipazzjoni u involviment ugwali u b'saħħithom tan-nisa u l-bniet u dawk li jistinkaw biex jiżmantellaw il-qafas istituzzjonali tagħna huma dawk li jattakkaw id-drittijiet tan-nisa. Dawn l-aġendi huma interkonnessi u, bħala tali, jeħtieġu **rispons ibbażat fuq l-Ewropa.** Tali rispons irid isir fl-oqsma kollha ta' politika, fil-livelli kollha b'**integrazzjoni ċara tal-perspettiva tal-ġeneri** fil-ħidma tagħna.

Id-dinja tal-lum inbidlet serjament miż-żminijiet li fihom ġiet adottata l-aħħar Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri[1]u oqsma ġodda jridu jiġu indirizzati b'mod adegwat: mill-vjolenza u l-fastidju fuq in-nisa u l-bniet fl-isfera diġitali u fid-dinja tax-xogħol għall-ħtieġa ta' politika barranija femminista għall-bini tal-paċi u l-protezzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inkluż l-aċċess għal abort sikur u legali, bħala drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jeħtiġilna ninkludu wkoll **approċċ intersezzjonali** fil-politiki tagħna peress li aħna konxji sew li ċerti gruppi, eż. in-nisa migranti, il-persuni LGBTIQ, in-nisa Rom u n-nisa b'diżabbiltà, qed jiffaċċjaw diversi forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni fl-UE. Sta għalina li nindirizzawhom kollha b'mod adegwat u malajr.

Il-**Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa**[2] ppreżentat reċentement huwa pass fid-direzzjoni t-tajba li jirrikonoxxi ħafna kwistjonijiet li qed niffaċċjaw illum meta nitkellmu dwar id-drittijiet tan-nisa iżda jrid jittieħed pass 'il quddiem fi ħdan l-Istrateġija l-ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri b'**miżuri konkreti, leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi** mmirati lejn il-ħolqien ta' soċjetà verament ugwali bejn il-ġeneri.

Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija, skont id-definizzjoni tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, kwalunkwe tip ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru ta' xi ħadd, kemm jekk fiżika, emozzjonali, finanzjarja jew riproduttiva, u għad li kulħadd jista' jkun vittma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-vittmi huma predominantement nisa[3]. L-aħħar Fokus Tematiku

[1] ĠU C 364, 28.10.2020, p. 77-86.
[2] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa" (COM(2025) 97 final).
[3] https://eige.europa.eu/gender-based-violence

tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri[4] ttratta speċifikament il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u d-data turi li 31 % tan-nisa fl-UE esperjenzaw vjolenza fiżika u/jew sesswali mill-età ta' 15-il sena. Dan juri li, għalkemm sar progress leġiżlattiv u mhux leġiżlattiv fl-UE[5], il-**vjolenza abbażi tal-ġeneru** tibqa' waħda mill-isfidi ewlenin li tostakola soċjetà verament ugwali bejn il-ġeneri, għadha prevalenti ħafna madwar l-Unjoni u jeħtieġ li tiġi indirizzata aktar fil-livell Ewropew u **definita b'mod ċar bħala reat kriminali tal-UE**. Id-data reċenti turi li l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, eż. id-**Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika** hija kwistjoni urġenti u trid tiġi mmonitorjata u ggwidata tajjeb. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi riformulat u żviluppat aktar ċerti aspetti tal-ħidma leġiżlattiva preċedenti, bħad-definizzjonijiet abbażi tal-kunsens, **iż-żieda tal-istupru mal-lista ta' reati kriminali tal-UE, kif ukoll ir-rikonoxximent tal-femminiċidju bħala reat distint mill-omiċidju**, iżda li jiġu enfasizzati wkoll xi wħud mill-kategoriji anqas magħrufa ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, eż. il-vjolenza ostetrika u ċ-ċaħda tal-kura tal-abort. Irridu wkoll naraw progress fir-Rakkomandazzjonijiet dwar Prattiki Dannużi.

Kulħadd fl-Unjoni Ewropea għandu d-dritt ta' aċċess għall-**ogħla standards ta' saħħa fiżika u mentali u** jrid jiġi żgurat **livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem** fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni[6]. Id-dritt ta' aċċess għall-kura tas-saħħa huwa minqux fil-Prinċipju 16 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-Pjan ta' Azzjoni nħeġġu lill-Istati Membri jindirizzaw l-inugwaljanzi fis-saħħa. L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri juri progress bil-mod fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-saħħa, filwaqt li s-sehem tan-nisa u l-irġiel li jqisu saħħithom bħala tajba ħafna jew tajba ċkien f'żewġ terzi tal-Istati Membri u li ħafna kundizzjonijiet sensittivi għas-sess u l-ġeneru ma għandhomx biżżejjed riċerka, finanzjament u riżorsi, inkluża l-prijoritizzazzjoni[7].

Is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma waħda mill-kwistjonijiet ewlenin fid-diskussjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u huma inseparabbli mill-kisba tad-dritt fundamentali għas-saħħa, kif ukoll il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru. L-awtonomija fiżika ta' persuna u d-dritt li tiddeċiedi dwar il-ġisem u l-ħajja tagħha huma l-prekundizzjoni assoluta biex tintlaħaq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-ksur tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-bniedem. L-isfidi kollha marbutin mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati ffaċċjati fl-Istati Membri jikkostitwixxu sfidi Ewropej komuni u din hija kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll kwistjoni tas-saħħa, li trid tiġi indirizzata permezz ta' approċċ unifikat. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' aċċess universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva bħala komponent tad-dritt għas-saħħa. Għandna l-għan li jkollna Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri li tiżgura aċċess universali għal edukazzjoni komprensiva, adatta għall-età u bbażata fuq l-evidenza dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet, firxa ta' metodi u prodotti moderni ta' kontraċezzjoni ta' kwalità għolja, aċċessibbli u affordabbli, konsulenza dwar l-ippjanar tal-familja, trattamenti tal-fertilità u informazzjoni dwar il-kontraċezzjoni, kif ukoll kura tal-abort mingħajr ħlas, sikura u legali.

---

[4] Gender Equality Index 2024: Tackling violence against women, tackling gender inequalities (Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2024: l-indirizzar tal-vjolenza fuq in-nisa, l-indirizzar tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri), ippubblikat fl-2025.

[5] Bħall-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika u l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul").

[6] ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391-407.

[7] EIGE (2025), Impact driver: marking milestones and opportunities for gender equality in the EU (Fattur ewlieni tal-impatt: l-immarkar tal-istadji importanti u l-opportunitajiet għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-UE), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (għad irid jiġi ppubblikat).

Is-sitwazzjoni fis-**suq tax-xogħol** Ewropew tesiġi approċċ urġenti u komprensiv sabiex jingħelbu l-inugwaljanzi eżistenti. Waħda minn kull tliet nisa fl-UE ma għandhiex impjieg bi ħlas u l-maġġoranza l-kbira tal-impjiegi part-time fl-Unjoni huma okkupati min-nisa. Ix-xogħol tan-nisa tradizzjonalment jiġi sottovalutat u s-segregazzjoni tal-ġeneri għadha sinifikanti, tant li n-nisa huma rrappreżentati żżejjed f'setturi anqas profittabbli**. It-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol** huwa pass kruċjali meta nitkellmu dwar l-iżvilupp soċjali u ekonomiku u huwa prekundizzjoni ta' ekonomija kompetittiva b'saħħitha. Għalhekk, traspożizzjoni rapida tad-**Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi** hija essenzjali b'enfasi fuq l-analiżi ta' modi kif jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, kemm id-**Direttiva dwar Pagi Minimi Adegwati** kif ukoll dik dwar in-**Nisa fuq il-Bordijiet** iridu jiġu implimentati. Dan ir-rapport jirrikonoxxi li r-raġuni ewlenija għad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa hija l-paga sistematikament aktar baxxa fis-setturi ddominati min-nisa (il-kura, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-bejgħ bl-imnut) meta mqabbla mal-pagi fis-setturi ddominati mill-irġiel, u dan iwassal ukoll biex dawn is-setturi ma jkunux attraenti għall-irġiel u jsaħħaħ in-normi u l-istereotipi dannużi. Hemm ħtieġa urġenti li jiġu żviluppati linji gwida li jippermettu d-definizzjoni u t-tqabbil tal-"*valur tax-xogħol*" u li jiġu stabbiliti għodod u kriterji ta' evalwazzjoni tax-xogħol newtrali għall-ġeneru bil-għan li jiġi evalwat aħjar u remunerat aktar ix-xogħol f'setturi ddominati min-nisa. Trid tiġi indirizzata l-kwistjoni tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, kemm fl-ispazji tax-xogħol kif ukoll fil-kuntest tax-xogħol mill-bogħod.

L-edukazzjoni u t-taħriġ huma essenzjali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-kapaċità ta' kulħadd li jadatta għall-bidliet fis-suq tax-xogħol u l-edukazzjoni terzjarja hija vitali għal opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità. Fl-Unjoni Ewropea llum, is-segregazzjoni orizzontali u vertikali bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni għadha persistenti u hija ta' detriment għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Bħala tali, l-għoti ta' aċċess sħiħ u mingħajr xkiel għall-edukazzjoni u t-taħriġ u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni tan-nisa fl-edukazzjoni STEM u fl-oqsma u l-karrieri l-oħra kollha huma kruċjali. Huwa stmat li hemm 8 miljun speċjalista tal-ICT fl-UE iżda 17 % biss minnhom huma nisa. Globalment, 22 % biss tal-professjonisti tal-IA huma nisa. L-importanza ta' dawn is-suġġetti u l-impjiegi relatati qed tikber u jeħtiġilna niżguraw li n-nisa ma jintesewx u li jkunu sikuri fl-isfera diġitali, inkluż meta tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-algoritmi u għodod attwali oħra. Konxji li l-istruttura attwali tas-sjieda privata u l-atturi ewlenin tal-pjattaformi online l-kbar ħolqu dinja online li tagħmel ħsara lid-drittijiet tan-nisa u lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jeħtiġilna nkunu nistgħu nindirizzaw dan u nipproteġu lin-nisa u lill-bniet kollha madwar l-UE. Barra minn hekk, l-irġiel jeħtiġilhom jitħeġġu jidħlu f'setturi ddominati min-nisa, permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u paga ġusta. L-Istrateġija l-ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri trid tiżviluppa qafas, li se joħloq spazji sikuri għall-bniet u s-subien biex jitgħallmu, jeduka lill-ġenituri u lill-għalliema dwar l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u jistabbilixxi mudelli eżemplari pożittivi tan-nisa u tal-irġiel femministi.

Ir-**responsabbiltajiet ta' kura** għat-tfal u għal persuni dipendenti oħra huma restrizzjoni sinifikanti fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Ir-responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa jżommu lil madwar 7,7 miljun mara fl-UE milli jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, meta mqabbla ma' 450 000 raġel biss. Fil-livell tal-unitajiet domestiċi, diviżjoni mhux uniformi tax-xogħol ta' kura mhux imħallas bejn in-nisa u l-irġiel tillimita l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fil-forza tax-xogħol u l-avvanz tagħhom fil-karriera. Din is-sitwazzjoni hija ta' ħsara għall-kisba ta' qafas verament ġust **għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata** u l-Istrateġija l-ġdida trid tindirizza dawn il-kwistjonijiet. L-għan tagħna huwa li naħdmu biex jintlaħaq mudell ta' ugwaljanza fir-rigward tal-pagi u l-għoti ta' kura fis-soċjetà. Għalhekk, jeħtiġilna nimmonitorjaw mill-qrib, nivvalutaw u, jekk ikun meħtieġ, niżviluppaw aktar id-

Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata iżda hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi ppreżentat **Patt Ewropew għall-Kura**, abbażi tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura, b'leġiżlazzjoni vinkolanti u finanzjament mil-livell tal-UE. In-nisa ilhom jerfgħu l-piż tal-kura f'kategoriji differenti u jeħtieġ li noħolqu kundizzjonijiet ekwi fuq livell Ewropew.

Gruppi li fihom diversità jieħdu deċiżjonijiet aħjar, aktar inklużivi u aktar sostenibbli. Id-deċiżjonijiet li jqisu l-fehma ta' kulħadd huma l-uniċi adatti biex iwittu t-triq għal futur li jkun aħjar għal kulħadd u n-**nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet** huma mudelli eżemplari ewlenin u jgħinu fit-tiswir tal-qafas għal futur ugwali. Jeħtieġ li nindirizzaw il-lakuni fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell kemm politiku kif ukoll ekonomiku, filwaqt li nindirizzaw ukoll l-inugwaljanzi istituzzjonali li jżommu lin-nisa milli jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

Fi żminijiet ta' kunflitti u inċertezza globali li qed jiżdiedu, **il-politika barranija, tad-difiża u tas-sigurtà tal-UE trid tkun waħda femminista** bil-kisba tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala wieħed mill-prinċipji orizzontali u l-għanijiet ewlenin. Fil-politiki esterni tagħna, jeħtiġilna nkunu kapaċi nirriflettu missjoni għall-bini tal-paċi u wieħed mill-prerekwiżiti għal dan huwa l-parteċipazzjoni ugwali tal-mexxejja u l-partijiet ikkonċernati nisa. L-aġenda tal-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa, kif ukoll l-appoġġ għall-attivisti, l-edukaturi u l-mexxejja nisa f'żoni ta' kunflitt iridu jkunu prijorità fl-istrateġiji kollha tal-UE ta' rispons għall-konflitti kif ukoll fi kwalunkwe għodda u mekkaniżmu ta' rispons għall-kriżijiet. Il-prinċipju tat-tliet "R"jiet (rights, representation, resources – drittijiet, rappreżentanza u riżorsi) irid jiġi applikat għall-azzjonijiet esterni kollha tal-UE.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
European Parliamentary Forum for Sexual & Reproductive Rights
The International Planned Parenthood Federation (IPPF) European Network
Center for Reproductive Rights
European Women's Lobby
Foundation for European Progressive Studies (FEPS)
European Institute for Gender Equality
B.a.B.e. Budi aktivna. Budi emancipiran.
Fertility Europe
Center for Women Victims of War (ROSA)
The Directorate-General for Justice and Consumers (DG JUST) of the European Commission
European Trade Union Confederation (ETUC)
European Public Service Union (EPSU)

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.